32007D0206

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Marzu 2007

li tiddikjara li l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Flotta ta' l-Ibħra Miftuħa/Vjaġġi Twal taħt il-Politika Komuni tas-Sajd, beda jopera

(2007/206/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd [1], u partikolarment l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni trażmessa minn Spanja fis-7 ta' Novembru 2006 f'isem id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [2] u d-Deċiżjoni 2004/585/KE jipprovdu l-qafas għall-istabbiliment u l-operat tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

(2) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2004/585/KE jistabbilixxi Kunsill Konsultattiv Reġjonali biex ikopri l-flotta ta' l-Ibħra Miftuħa/Vjaġġi Twal fl-ibħra kollha li mhumiex tal-KE.

(3) Skond l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, rappreżentanti tas-settur tas-sajd u gruppi oħra li għandhom interess ressqu talba dwar l-operat ta' dak il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali lid-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit.

(4) Kif meħtieġ minn Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, l-Istati Membri kkonċernati stabbilixxew jekk l-applikazzjoni rigward il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Flotta ta' l-Ibħra Miftuħa/Vjaġġi Twal hijiex skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni. Fis-7 ta' Novembru 2006, l-Istati Membri konċernati ttrażmettew rakkomandazzjoni dwar dak il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali lill-Kummissjoni.

(5) Il-Kummissjoni evalwat l-applikazzjoni tal-partijiet interessati u r-rakkomandazzjoni fid-dawl tad-Deċiżjoni 2004/585/KE u l-għanijiet u l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd, u tqis li l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Flotta ta' l-Ibħra Miftuħa/Vjaġġi Twal huwa lest biex jibda jopera.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Flotta ta' l-Ibħra Miftuħa/Vjaġġi Twal, stabbilit minn Artikolu 2(1)(g) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, għandu jibda jopera mit-30 ta' Marzu 2007.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17.
[2] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.